MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 436/2003

***Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta' estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra***

***Vs***

***The Irish Pub Co. Limited***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' April, 2003, fejn intalab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici nomine s-somma ta' hamsa u disghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm95.50) rappresentanti in kwantu ghal Lm83.04 Royalty dovuta bil-quddiem ghal perijodu mis-6 ta' Awissu 2002 sal-5 ta' Awissu 2003 in konnessjoni mal-licenzja Nru.011177 (Dokument A anness ma' l-avviz), rilaxxjata mis-socjeta' attrici a favur tal-konvenut b'liema licenzja l-konvenut qieghed jigi moghti d-dritt li jxandar lil pubbliku muzika

tutelata fl-istabbiliment “Finnegan’s Tavern”, Bugibba u Lm12.46, Taxxa Fuq il-Valur Mizjud.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra legali tal-31 ta’ Ottubru 2002 u bl-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mis-sata ta’ l-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv kontra s-socjeta’ konvenuta.

Ra li s-socjeta’ konvenuta debitament notifikata baqghet ma dehritx u l-anqas ma pprezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-Prokuratur Legali Josette Attard ghan-nom tas-socjeta’ attrici nomine, li kkonfermat bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokument esibit.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici nomine s-somma ta’ hamsa u disghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm95.50), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta’ konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------